Nru./No. 18,500
Prezz/Price
€7.27

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru, 2009
Friday, 30th October, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,191 - 13,257
Government Notices ..... *13,191 - 13,257*

Avviż tal-Pulizija 13,258
Police Notice *13,258*

Avviżi lill-Baħħara ..... 13,258 - 13,259
Notices to Mariners ..... *13,258 - 13,259*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 13,259 - 13,260
Employment Opportunities ..... *13,259 - 13,260*

Avviżi tal-Gvern ..... 13,260 - 13,268
Notices ..... *13,260 - 13,268*

Offerti ..... 13,269 - 13,317
Tenders ..... *13,269 - 13,317*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,318 - 13,190
Court Notices ..... *13,318 - 13,342*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 853

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Giovanna Debono, B.A.(Educ), M.P., tassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru b'seħħ minn nhar il-Ħamis, id-29 ta' Ottubru, 2009, matul l-assenza tal-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Id-29 ta' Ottubru, 2009
(OPM 1/2009/II)

Nru. 854

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skont u għall-finijiet tal-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-30 ta' Ottubru, 2009
(File No. L528/76/2)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata l-15 ta' Lulju, 1976 u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Lulju, 1976 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 401, il-President ta' Malta kien iddikjara illi biċċa art li tinkludi kamra, tal-kejl ta' 3 Tomniet, 3 Sigħan u 8.16 Kejliet (4,087.3 metri kwadri) li tmiss mill-Majjistral ma' triq pubblika, mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-*Estates* tal-Arċisqof, mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sinjura Grazja Mifsud u oħrajn, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skopijiet pubbliċi skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar ħekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-limiti tal-Qrendi:-

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,991 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Mario Mifsud, mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Francis Bezzina Wettinger.

GOVERNMENT NOTICES

No. 853

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Giovanna Debono, B.A.(Educ), M.P., assumes the additional duties of Prime Minister with effect from Thursday, 29th October, 2009, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

29th October, 2009

No. 854

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

30th October, 2009

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the President of Malta dated 15th July, 1976 and published in the Government Gazette of the 23rd July, 1976 under Notice No. 401, the President of Malta had declared that a plot of land including a room, of the area of 3 Tomniet, 3 Sigħan and 8.16 Kejliet (4,087.3 square metres) bounded on the North West by a public street, on the South West by property of the Archbishop's Estates, on the North East by property of Mrs Grazja Mifsud and others, the undermentioned land is required by the competent authority for public purposes in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Qrendi:-

1. A plot of land of the area of about 3,991 square metres, bounded on the North West by property of Mario Mifsud, on the North East by Government property and on the South West by property of Francis Bezzina Wettinger.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar u indikata bħala *plot* nru. 2A fuq pjanta P.D. 147_76_6, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE ABELA
President

It-22 ta' Ottubru, 2009

Nru. 855

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skont u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

It-30 ta' Ottubru, 2009
(File No. 78/2008)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija soġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art f'Ħal Għaxaq:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art li jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 65 metru twila, 0.75 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda, inkluži 2 *manholes* 0.75 metri b'0.75 metri u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,193 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral ma' triq pubblika, mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Giuseppi Vassallo u mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sur Mario Vassallo u oħrajn.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art li jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 23 metru twila, 0.75 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda, inkluża *manhole* 0.75 metri b'0.75 metri

The abovementioned land is shown marked with the colour red and indicated as plot no. 2A on plan P.D. 147_76_6, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE ABELA
President

22nd October, 2009

No. 855

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

30th October, 2009

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Għaxaq:–

1. The mentioned subsoil rights consisting for the digging of a trench 65 metres long, 0.75 metres wide and 1.5 metres deep, including 2 manholes 0.75 metres by 0.75 metres and laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 2,193 square metres, bounded on the North West by a public road, on the East by property of Mr Giuseppi Vassallo and on the South East by property of Mr Mario Vassallo and others.

2. The mentioned subsoil rights consisting for the digging of a trench 23 metres long, 0.75 metres wide and 1.5 metres deep, including a manhole 0.75 metres by 0.75 metres and

u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,164 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Giuseppi Vassallo, mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Ta' Nikol Development Ltd, u mill-Grigal ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa.

3. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art li jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka 108 metri twila, 0.75 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda, inklużi 4 *manholes* 0.75 metri b'0.75 metri u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 3,664 metru kwadru, li tmiss mil-Lbiċ u min-Nofsinhar ma' proprjetà tas-Sur Mario Vassallo u oħrajn u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Ta' Nikol Development Ltd.

4. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art li jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka 8 metri twila, 0.75 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda, inkluża *manhole* 0.75 metri b'0.75 metri u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 1,846 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Giuseppi Vassallo u mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Mario Vassallo u oħrajn.

5. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art li jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka 18-il metru twila, 0.75 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda, u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,200 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, mil-Lbiċ u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija fuq il-pjanta mmarkata P.D. 2008_582, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) George Abela
President

It-22 ta' Ottubru, 2009

Nru. 856

ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA

(KAP. 251)

Regoli tal-1990 dwar Unuri, Għotjiet u Dekorazzjonijiet (A.L. 105/90)

Il-PRIM Ministru approva l-għoti tal-Midalji u *Clasps* għal Servizz Twil u Effiċjenti lill-membri li jservu fil-Forzi Armati ta' Malta, biex jidħlu fis-seħħ fl-20 ta' Ottubru 2009, kif jidher hawn taħt:-

Il-Midalja għal Servizz Twil u Effiċjenti lill-membri li jkunu għamlu 18-il sena servizz:

laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 2,164 square metres, bounded on the North by property of Mr Giuseppi Vassallo, on the North West by property of Ta' Nikol Development Ltd, and on the North East by property of unknown owners.

3. The mentioned subsoil rights consisting for the digging of a trench 108 metres long, 0.75 metres wide and 1.5 metres deep, including 4 manholes 0.75 metres by 0.75 metres and laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 3,664 square metres, bounded on the South West and South by property of Mr Mario Vassallo and others and on the North West by property of Ta' Nikol Development Ltd.

4. The mentioned subsoil rights consisting for the digging of a trench 8 metres long, 0.75 metres wide and 1.5 metres deep, including 2 manholes 0.75 metres by 0.75 metres and laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 1,846 square metres, bounded on the North by a public road, on the West by property of Mr Giuseppi Vassallo and on the North East by property of Mr Mario Vassallo and others.

5. The mentioned subsoil rights consisting for the digging of a trench 18 metres long, 0.75 metres wide and 1.5 metres deep and laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 2,200 square metres, bounded on the North by a public road, on the South West and South East by property of unknown owners.

The above mentioned land is shown on plan marked P.D. 2008_582, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

22nd October, 2009

No. 856

ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT, 1975

(CAP. 251)

Rules for Honours, Awards and Decorations, 1990 (L.N. 105/90)

THE Prime Minister has approved the award of the Long and Efficient Service Medals and Clasps to serving members of the Armed Forces of Malta, to have effect on 20th October 2009, as shown below:-

The Long and Efficient Service Medal on completion of 18 years service awarded to:

Nru tal-Armata *Army No.*	Rank *Rank*	Isem *Name*
	Lieutenant	S. Spiteri Staines
85816	Warrant Officer 2	A. Grech
85884	Warrant Officer 2	B. Gatt
85937	Warrant Officer 2	L. L. Spiteri
85818	Staff Sergeant	J. Borg
85837	Staff Sergeant	M. Caruana
85827	Staff Sergeant	N. Muscat
85845	Sergeant	D.Cioffi
85848	Sergeant	G. Micallef
85850	Sergeant	A. Deguara
85858	Sergeant	S. Caruana
85866	Sergeant	I. N. Farrugia
85878	Sergeant	S. Cuschieri
85885	Sergeant	M. Bugeja
85890	Sergeant	J. Buhagiar
85891	Sergeant	D. L. Micallef
85899	Sergeant	M. A. Dimech
85906	Sergeant	E. Farrugia
85939	Sergeant	R. Borg
85957	Sergeant	E. Chircop
85821	Bombardier	R. Amaira
85832	Bombardier	M. Borg
85835	Bombardier	K. Stivala
85840	Bombardier	P. Zahra
85841	Bombardier	D. Vassallo
85867	Bombardier	J. Buhagiar
85889	Bombardier	C. Pace
85895	Bombardier	M. A. Vella
85900	Bombardier	M. Agius
85905	Bombardier	A. Camilleri
85909	Bombardier	S. Agius
85915	Bombardier	J. Tonna
85930	Bombardier	N. Cesareo
85941	Bombardier	R. Mifsud
85943	Bombardier	C. Nappa
85946	Bombardier	N. Camilleri
85954	Bombardier	J. Balzan
85839	Lance Bombardier	E. Lomax
85903	Lance Bombardier	G. Gatt
85934	Lance Bombardier	A. Stewart
85936	Lance Bombardier	M. Bonnici
85938	Lance Bombardier	G. Vella
85944	Lance Bombardier	M. Zerafa
85948	Lance Bombardier	D. Parnis
85953	Lance Bombardier	C. Callus
85955	Lance Bombardier	B. Mizzi
85962	Lance Bombardier	J. Galea
85868	Gunner	J. Cutajar
85902	Gunner	R. Micallef

First Clasp għall-Midalja għal Servizz Twil u Effiċjenti lill-membri li jkunu għamlu 25 Sena servizz mogħtija lil:-

First Clasp to the Long and Efficient Service Medal on completion of 25 years Service awarded to:-

Nru tal-Armata *Army No.*	Rank *Rank*	Isem *Name*
	Warrant Officer 2	R Pace

Din l-informazzjoni qed tiġi ppubblikata skont id-dispożizzjoni tar-Regola 5 tar-Regoli tal-1990 dwar Unuri, Għotjiet u Dekorazzjonijiet.

Din in-Notifikazzjoni tal-Gvern tħassar in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 834 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,498 tat-23 ta' Ottubru, 2009.

L-20 ta' Ottubru, 2009
OPM 283/86/1/II

Nru. 857

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

NGĦARRFU illi skont l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490) illi l-President ta' Malta, fl-24 ta' Settembru 2009, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra bħala Assistenti tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għal perjodu ta' erba' (4) snin kif jidhru hawn taħt, b'żieda mal-Elenki li dehru fl-avviż Nru. 152 tas-27 ta' Frar, 2009.

Elenku Fiskali (Accountants) (Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti)

Is-Sinjura Marisa Ciappara B.A.(Hons) Accty., C.P.A, M.I.A., M.I.M.

Is-Sur Michael Debono, B.A.(Hons) Accty., M.F.S.P., F.I.A., M.I.M., M.B.A. (Henley), C.P.A.

Is-Sur Roderick K. Grech, B.Comm., B.A.(Hons) Accty., C.S.A., F.I.A., C.P.A., M.B.A. (Henley).

Is-Sur Kevin J. Mahoney, F.I.A., C.P.A., A.M.I.T.

Is-Sur Kevin Catania, B.A.(Hons) Accty., C.P.A., M.I.A., M.I.T.

Elenku Fiskali (Arkitetti) (Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti)

Is-Sinjura Elena Borg Costanzi, B.Arch (Hons), A&C.E.

Dott. Vincent Buhagiar, B.E & A. (Hons), M.Sc.(London), Ph.D.(Wales), A&C.E.

Is-Sur Anton Zammit, B.E&A., A&C.E.

Is-Sur Mannie Galea, A&C.E.

It-30 ta' Ottubru, 2009

The foregoing information is published in terms and for the purposes of Rule 5 of the Rules for Honours, Awards and Decorations 1990.

This Government Notice supercedes Government Notice No. 834 published in the Government Gazette No. 18,498 dated 23rd October, 2009.

20th October, 2009

No. 857

ADMINISTRATIVE JUSTICE ACT (CAP. 490)

Panels of Administrative Review Tribunal

It is notified that in terms of the Administrative Justice Act (Cap. 490) the President of Malta on the 24th September 2009, acting on the advice of the Prime Minister approved the appointment as Assistants of Administrative Review Tribunal for a period of four (4) years, the following, in addition with those Panels as shown in notice No. 152 of the 27th February, 2009.

Fiscal Panel (Accountants) (Duty on Ducuments and Transfers)

Mrs Marisa Ciappara B.A.(Hons) Accty., C.P.A, M.I.A., M.I.M.

Mr Michael Debono, B.A.(Hons) Accty., M.F.S.P., F.I.A., M.I.M., M.B.A. (Henley), C.P.A.

Mr Roderick K. Grech, B.Comm., B.A.(Hons) Accty., C.S.A., F.I.A., C.P.A., M.B.A. (Henley).

Mr Kevin J. Mahoney, F.I.A., C.P.A., A.M.I.T.

Mr Kevin Catania, B.A.(Hons) Accty., C.P.A., M.I.A., M.I.T.

Fiscal Panel (Architects) (Duty on Documents and Transfers)

Mrs Elena Borg Costanzi, B.Arch (Hons), A&C.E.

Dr Vincent Buhagiar, B.E & A. (Hons), M.Sc.(London), Ph.D.(Wales), A&C.E.

Mr Anton Zammit, B.E&A., A&C.E.

Mr Mannie Galea, A&C.E.

30th October, 2009

Nru. 858

ATT DWAR IR-RATIFIKA TAL-KONVENZJONI DWAR ARMI KIMIĊI (Kap. 392)

Awtorità Nazzjonali għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar Armi Kimiċi

SKONT l-artikolu 5 tal-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni dwar Armi Kimiċi, id-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin stabbilixxa kif ġej l-Awtorità Nazzjonali għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar Armi Kimiċi mit-28 ta' Ottubru, 2009:

Direttur
Il-Prof. Alfred J. Vella, BSc, MSc, PhD, C Chem, FRSC.

Spettur
Is-Sur John Sammut

Membri
Is-Sur Albert Gambin
Is-Sur Clint Mario Borg

Is-27 ta' Ottubru, 2009

No. 858

RATIFICATION OF CHEMICAL WEAPONS CONVENTION ACT (Cap. 392)

National Authority for the Implementation of the Chemical Weapons Convention

IN terms of section 5 of the Ratification of the Chemical Weapons Convention Act, the Deputy Prime Minster and Minister of Foreign Affairs has established the National Authority for the Implementation of the Chemical Weapons Convention, as from 28th October, 2009, as follows:

Director
Prof. Alfred J. Vella, BSc, MSc, PhD, C Chem, FRSC.

Inspector
Mr John Sammut

Members
Mr Albert Gambin
Mr Clint Mario Borg

27th October, 2009

Nru. 859

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)

Revoka ta' Ħatra Temporanja

NGĦARRFU b'din li ġiet imħassra n-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 814 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Ottubru, 2009.

It-30 ta' Ottubru, 2009

No. 859

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)

Cancellation of Acting Appointment

IT is hereby notified that Government Notice No. 814 published in the Government Gazette dated 16th October, 2009, has been cancelled.

30th October, 2009

Nru. 860

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 860

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Francis Bajada	A/Direttur Ġenerali A/*Director General*	Teżor *Treasury*	30.10–03.11.2009

It-30 ta' Ottubru, 2009

30th October, 2009

Nru. 861

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Noel Bartolo	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	From 25 to 31 October 2009

It-30 ta' Ottubru, 2009

No. 861

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

30th October, 2009

Nru. 862

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TAL-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti tal-2005 dwar Stima Ambjentali Strateġika

SKONT Regolamenti tal-2005 dwar Stima Ambjentali Strateġika, is-SEA Audit Team jgħarraf illi 'The National Water Catchment Management Plan', li għalih kienet intbagħat Dikjarazzjoni tad-Deskrizzjoni tal-Pjan f'isem l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, jinħtieġ Stima Ambjentali Strateġika skont ir-regolamenti msemmija. Is-SEA Audit Team ma jsib l-ebda oġġezzjoni fejn ikun possibbli u xieraq għal kull stima/i ambjentali relatata li tkun twettqet jew tkun se titwettaq rigward dan il-Pjan biex jaqbel mal-iżvilupp tar-Rapport Ambjentali.

It-30 ta' Ottubru, 2009

No. 862

ENVIRONEMENT PROTECTION ACT (CAP. 435)

Strategic Environmental Assessment Regulations, 2005

IN terms of the Strategic Environmental Assessment Regulations, the SEA Audit Team notifies that 'The National Water Catchment Management Plan', for which a Plan Description Statement was submitted on behalf of the Malta Environment and Planning Authority and the Malta Resources Authority, requires a Strategic Environmental Assessment in accordance with the said regulations. The SEA Audit Team finds no objection where feasible and suitable for any environmental related assessment/s that have or will be carried out in connection with this Plan to dovetail with the development of the Environmental Report.

30th October, 2009

Nru. 863

ATT XXI TAL-1991 DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354) U ATT XVI TAl-2003 DWAR L-ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Reġistri Elettorali

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 33 tal-Att tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, kif emendat bl-Att XV tal-1996, qed jiġi ppubblikat ir-Reġistru Elettorali rivedut ma' din il-Gazzetta.

Qiegħed jiġi ppubblikat mal-istess Gazzetta, skont l-artikolu 13 tal-Att tal-2003 dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, ir-Reġistru Elettorali tal-Unjoni Ewropea.

It-30 ta' Ottubru, 2009

No. 863

GENERAL ELECTIONS ACT XXI , 1991 (CAP. 354) AND ACT XVI OF 2003 FOR ELECTIONS TO THE EUROPEAN PARLIAMENT (CAP. 467)

Electoral Registers

IN accordance with the provisions of section 33 of the General Elections Act 1991, as amended by Act XV of 1996, a revised Electoral Register is published with this Gazette.

Also being published with this Gazette, according to section 13 of the European Parliament Elections Act, 2003, is the European Union Electoral Register.

30th October, 2009

Nru. 864

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Paul George Pisani, bħala Nutar Delegat/Konservatur tal-Atti li kienu ġew ppubblikati minn Dottor Monica Vella, LL.D., waqt li din tal-aħħar kienet għadha teżerċita l-professjoni tagħha bħala Nutar Pubbliku.

Illum, it-Tlieta l-20 ta' Ottubru, 2009.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 864

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Paul George Pisani, to be Notary Delegate/Keeper for the acts published by Dr Monica Vella, LL.D., whilst the later was still practising her profession as a Notary Public.

Today, Tuesday 20th October, 2009.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.
F/Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 865

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar tal-Gvern bħala Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dott. Victor Bisazza (mejjet).

Illum, 28 ta' Ottubru, 2009.

MARISA BORG
Għar-Reġistratur, Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili

No. 865

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary to Government to be Keeper of the acts of the late Notary Dr Victor Bisazza.

This day, 28th of October, 2009.

MARISA BORG
For the Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 866

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Notarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Dottor Timothy Ellis, LL.D., bħala Nutar Delegat tal-Atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler, LL.D. sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mit-2 ta' Novembru 2009 sas-6 ta' Novembru 2009.

Illum, 27 ta' Ottubru, 2009.

CHRISTINE MICALLEF
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 866

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Timothy Ellis, LL.D., to be Notary Delegate for Notary Dr Peter-Fleri Soler, LL.D. during the latter's absence from these Islands from the 2nd November 2009 till the 6th November 2009.

This 27th day of October, 2009,

CHRISTINE MICALLEF
F/Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 867

PROSPETT

ĦRUĠ TA' VALUR NOMINALI FLIMKIEN TA' EURO 80,000,000 *STOCK* TAL-GVERN TA'MALTA

Suġġett għal dritt li jiżdied b'ammont ta' Euro 20,000,000 fil-każ li d-domanda tkun aktar mill-ammont ta' *Stock* offrut

Awtorizzat skont l-Att tal-2009 li jimplimenta Miżuri tal-Estimi 2009 (Att Nru. II tal-2009) u l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161

1. ĦRUĠ TA' *STOCK*

Dan il-prospett qiegħed jiġi ppublikat b'konnessjoni mal-ħruġ ta' 3.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) *Fungibility Issue* u 4.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (II).

a) L-*Accountant General* qiegħed joffri valur nominali flimkien ta' Euro 80,000,000 ta' *Stock* tal-Gvern ta' Malta li qiegħed jiġi offrut f'xi wieħed jew aktar mit-tlett *Stock*s imsemmija hawn taħt:

(i) 3.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) *Fungibility Issue*, u

(ii) 4.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (II), u

(iii) *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2015 (V) b'Rata Ta' Mgħax li Tvarja u marbuta mal-Euribor tas-sitt (6) xhur.

b) Il-prospett li jirregola *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2015 (V) b'Rata Ta' Mgħax li Tvarja kull sitt (6) xhur u marbuta mal-Euribor tas-sitt (6) xhur, qiegħed jiġi ppublikat fl-istess ħin ma' dan il-prospett.

2. APPLIKAZZJONIJIET

a) Applikazzjonijiet jiftħu t-Tnejn 9 ta' Novembru 2009 fit-8.30am u jagħlqu fil-ħinijiet u d-data kif hawn taħt, jew aktar kmieni fid-diskrezzjoni tal-*Accountant General*:

(i) fil-5.00pm l-Erbgħa 11 ta' Novembru 2009 għall-applikazzjonijiet minn xi applikant wieħed u/jew applikanti flimkien li ma jeċċedux €100,000 kull persuna, u

(ii) f'nofsinhar il-Ġimgħa 13 ta' Novembru 2009 għall-applikazzjonijiet li jkunu magħmulin f'offerti b'irkant taħt paragrafi 2(e) u 2(f).

No. 867

PROSPECTUS

ISSUE OF AN AGGREGATE OF EURO 80,000,000 MALTA GOVERNMENT STOCKS

Subject to an Over-Allotment Option of Euro 20,000,000 in the event of over-subscription

Authorised under the Budget Measures Implementation Act, 2009 (Act No. II of 2009) and the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap. 161

1. ISSUANCE OF STOCK

This prospectus is being published in connection with the issue of 3.6% Malta Government Stock 2013(IV) Fungibility issue, and 4.6% Malta Government Stock 2020 (II).

(a) The Accountant General is offering an aggregate Euro 80,000,000 of Malta Government Stocks which are being offered and made available in any one or any combination of the following issues:

(i) 3.6% Malta Government Stock 2013(IV) Fungibility issue, and

(ii) 4.6% Malta Government Stock 2020 (II), and

(iii) Floating Rate Malta Government Stock 2015 (V) linked to the six (6) month Euribor.

(b) The prospectus regulating Floating Rate Malta Government Stock 2015 (V) linked to the six (6) month Euribor is published concurrently with this prospectus.

2. APPLICATIONS

a) Applications open at 08:30 hours on Monday, 9th November, 2009 and close on the time and dates as hereunder, or earlier at the discretion of the Accountant General:

(i) at 5.00pm hours on Wednesday 11th November, 2009 for applications by any single and/or joint applicants which in the aggregate do not exceed Euro 100,000 per person, and

(ii) at noon on Friday 13th November, 2009 for applications in the form of sealed bids (auction) under paragraphs 2(e) and 2(f) below.

b) L-applikazzjonijiet kollha għandhom ikunu f'multipli ta' €100 fuq il-formola preskritta.

ċ) Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinkisbu minn, u jiġu depożitati għand il-membri kollha tal-Borża ta' Malta u Provdituri ta' Servizzi ta' Investiment oħra awtorizzati. Formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu wkoll minn fuq il-*website* tat-Teżor (www. treasury.gov.mt).

d) Applikazzjonijiet, minn xi applikant wieħed u/jew applikanti flimkien, li ma jeċċedux €100,000 kull persuna f'wieħed jew f'kull wieħed mill-i*Stock*s separatament, ikunu bil-prezz li jiġi stabbilit għal kull *Stock*. Il-prezz għal kull *Stock* jiġi notifikat lill-Borża ta' Malta u jiġi ippublikat fil-gazzetti lokali tlett (3) ijiem qabel jiftħu l-applikazzjonijiet. L-applikanti f'din il-kategorija ma jistgħux jagħmlu wkoll offerti taħt il-paragrafi (e) u (f) hawn aktar 'l isfel.

e) Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa jeċċedu €100,000, imma ma jeċċedux il-€500,000 f'wieħed jew f'kull wieħed mill-i*Stock*s separatament, jkunu magħmulin f'offerti għal minimu ta' €100,100 kull wieħed. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt il-paragrafi (d) u (f).

f) Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa jeċċedu €500,000 f'wieħed jew f'kull wieħed mill-i*Stock*s separatament, għandhom ikunu magħmulin f'offerti għal minimu u multipli ta' €500,000 kull waħda. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt paragrafi (d) u (e).

g) Offerti li jsiru fuq il-formoli preskritti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tat-Teżor, Floriana jew jintbagħtu fuq fax 25967210 jew permezz ta' *e-mail* fl-indirizzi indikati fuq il-formoli tal-applikazzjoni.

h) Applikazzjonijiet li jsiru minn minuri jiġu biss aċċettati jekk dawn ikunu iffirmati minn persuni li jkunu ġenituri, tuturi jew kuraturi tagħhom u jridu jippreżentaw ċertifikat oriġinali tat-twelid tal-applikant maħrug mir-Reġistru Pubbliku.

i) Applikazzjonijiet li jsiru f'isem 'Nominee a/c' u/jew 'Clients a/c' jiġu biss aċċettati jekk dawn ikollhom magħhom lista bl-identita' tal-klijenti rispettivi tagħhom.

j) Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin tal-għeluq.

3. POLICY DWAR L-ALLOKAZZJONI TA' *STOCK*

L-allokazzjoni tal-i*Stock* issir kif ġej:

a) L-Offerti b'irkant jiġu kkunsidrati wara li l-applikazzjonijiet li jkunu saru bil-prezz stabbilit għal €100 nominali jkunu ġew eżawriti.

b) All applications are to be made in multiples of €100 on the prescribed form.

c) Application forms may be obtained from, and lodged at, all Members of the Malta Stock Exchange, other authorised Investment Service Providers. Application forms may also be downloaded from Treasury's website (www.treasury.gov.mt).

d) Applications by any single and/or joint applicants, which in the aggregate must not exceed €100,000 per person in either or each of the two Stocks, shall be at a price to be established for each Stock Such Offer Price for each Stock will be announced to the Malta Stock Exchange and published in daily local newspapers three (3) days prior to opening of the Applications. Applicants under this category are precluded from bidding also under paragraphs (e) and (f) below.

e) Applications by any single applicant, which in the aggregate are over €100,000, but do not exceed €500,000 in either or each of the two Stocks, shall be in the form of sealed bids for a minimum of €100,100 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraphs (d) and (f).

f) Applications by any single applicant, which in the aggregate exceed €500,000 in either or each of the two Stocks, shall be in the form of sealed bids for a minimum and multiples of €500,000 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraphs (d) and (e).

g) Bids on the prescribed forms are to be deposited at the Treasury Tender Box or transmitted by fax on 25967210 or by e-mail at the e-mail addresses indicated on the application forms.

h) Applications by minors will only be accepted if signed by a legal guardian and supported by a birth certificate of the applicant issued by the Public Registry.

i) Applications in the name of 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' will only be accepted if accompanied by lists of their respective clients.

j) All applications will be irrevocable after closing time.

3. ALLOTMENT POLICY OF STOCK

Allocation of Stock will be made in the following order:

a) Applications by auction will be considered after applications at the Offer Price per €100 nominal are exhausted.

b) F'każ li d-domanda għall-i*Stock* taħt paragrafu (2d) tkun aktar milli jkun hemm, l-allokazjoni tal-i*Stock* fost l-applikanti kollha f'dik il-kategorija ssir b'mod proporzjonat skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jkunu saru.

ċ) Offerti fuq l-aħħar rata aċċettata għal kull *Stock* minn aktar minn applikant wieħed ssir b'mod proporzjonat skont l-ammont tal-offerti għal kull *Stock* rispettiv. L-ammonti ta' kull *Stock* li jiġu allokati lill-applikanti li l-applikazzjoni tagħhom kienet magħmula f'offerti b'irkant, jiġu mgħarrfa sagħtejn wara immedjatament l-ħin tal-għeluq tal-offerti b'irkant.

d) Ammonti li jiġu allokati lill-Fondi tal-Gvern ikunu skont l-aħħar rata aċċettata.

4. DRITT LI JIŻDIED L-I*STOCK*

L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jalloka massimu ta' €20,000,000 aktar f'każ li t-talba taqbeż l-ammont tas-somma li għandha tingħabar.

Ħlas b'lura ta' applikazzjonijiet, li ma jiġux allokati għal kollox, isir qabel il-ħruġ tal-Parir ta' Reġistrazzjoni. Dak il-ħlas lura jsir bi kreditu dirett fil-kont li hemm indikat għal ħlas tal-imgħax.

5. *UNDERISSUANCE*

L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jaċċetta l-applikazzjonijiet għall-ammont sħiħ jew parti minnhom u li jirrifjuta kull offerta jew parti minnha għal kull raġuni li jidhirlu xierqa minkejja li l-ammont li jittieħed ikun anqas mill-ammont tal-ħruġ tal-i*Stock*s.

6. ĦLAS TA' DIVIDENDI (MGĦAX)

Id-*dividend* (mgħax) jitħallas kull sitt xhur b'lura:

a) (i) fit-18 ta'April u fit-18 ta'Ottubru ta' kull sena waqt il-kors tat-3.6 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV); u

(ii) fil-25 ta' April u fil-25 ta' Ottubru ta' kull sena waqt il-kors tal- 4.6 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (II).

b) (i) Fil-każ tat-3.6 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) *F.I.*, l-ewwel ħlas pro-rata relattiv għall-perjodu bejn it-18 ta' Novembru 2009 u s-17 ta'April 2010 (iż-żewġ dati inklużi) jsir bir-rata ta' 1.493407 fil-mija fit-18 ta'April 2010;

(ii) Fil-każ tal-4.6 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (II), l-ewwel ħlas pro-rata relattiv għall-perjodu bejn it-18 ta' Novembru 2009 u l-24 ta' April 2010 (iż-żewġ dati inklużi) jsir bir-rata ta' 1.996703 fil-mija fil-25 ta' April 2010.

b) In the case of over-subscription by applicants under paragraph (2d), allotment will be effected proportionately to the amount of the applications made for each Stock.

c) Bids at the last rate accepted for each Stock by more than one applicant will be allotted in proportion to the amount of the bids for each respective Stock. The allotment results of each stock to applicants whose applications are in the form of sealed bids (auction) will be determined and announced within two hours immediately after the closing time of applications by auction.

d) Any amount allotted to the Government Funds will be at the cut off rate

4. OVER-ALLOTMENT OPTION

The Accountant General reserves the right to exercise an over allotment option for an additional amount of €20,000,000.

Refunds of applications, which are not wholly allotted, will be effected before the issue of the relevant Registration Advices. Such refunds will be paid by direct credit in the account indicated for the payment of dividends.

5. UNDERISSUANCE

The Accountant General reserves the right to accept bids for the full amount or any part thereof and to reject any bid or part thereof on any grounds whatsoever, notwithstanding that the aggregate amount on issue has not been taken up.

6.PAYMENT OF DIVIDENDS (INTEREST)

Dividend (interest) is payable half yearly in arrears on the:

a) (i) 18th day of April and the 18th day of October during the tenor of the 3.6% Malta Government Stock 2013 (IV); and

(ii) 25th day of April and the 25th day of October during the tenor of the 4.6% Malta Government Stock 2020 (II).

b) (i) In the case of 3.6% MGS 2013 (IV) F.I., the first pro-rata dividend payment covering the period from the 18th November 2009 to the 17th April 2010 (both dates included) will be made at the rate of 1.493407 per cent on the 18th April 2010;

(ii) In the case of 4.6% Malta Government Stock 2020 (II), the first pro-rata dividend payment covering the period from the 18th November 2009 to the 24th April 2010 (both dates included) will be made at the rate of 1.996703 per cent on the 25th April 2010.

ċ) Ħlas ta' *dividend* (mgħax) isir skont kif indikat fuq il-formola tal-applikazzjoni bi kreditu dirett f'fergħa ta' bank lokali.

7. *FUNGIBILITY*

L-*Accountant General* iżomm id-dritt li joħroġ, fil-futur, ammonti addizzjonali ta' kull *Stock* preżenti fi *tranches* oħra. Fil-każ ta' kull ħruġ ieħor bħal dak, dawn għandhom jiġu integrati mal-i*Stock* eżistenti.

8. FIDWA TA' *STOCK*

(i) Fil-każ tat-3.6 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) għandu jiġi mifdi b'parità fit-18 ta'Ottubru 2013;

(ii) Fil-każ tal-4.6 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (II) għandu jiġi mifdi b'parità fil-25 ta' April 2020.

9. SIGURTÀ

L-i*Stock* u d-*dividend* fuqu jkunu għal kariku tad-Dħul u Attiv Ġenerali tal-Gvern ta' Malta.

10. NEGOZJU FIL-BORŻA TA' MALTA

a) Skont l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, Kap.345, saret applikazzjoni għand il-*Listing Authority* biex kull *Stock* rispettiv ikun allokat u sabiex jiġi ammess fuq il-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta.

b) Fit-18 ta'April 2010, wara l-pagament tal-ewwel imgħax tal-i*Stock* muri f'6(b) (i) dan l-i*Stock* jiġi integrat mal-i*Stock* eżistenti tat- 3.6 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) u wara dawn iż-żewġ *Stock*s jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

11. LEĠISLAZZJONI RELATTIVA

L-Att tal-2009 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi 2009 (L-Att II tal-2009), l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap.161, u Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment taħt l-artikolu 4(1) (a) tal-Ordinanza msemmija, ir-Regolamenti tal-1959 dwar Self Lokali (*Stock* Reġistrat).

Nota: Il-valur tal-investiment jista' jitla' u/jew jinżel matul iż-żmien li l-i*Stock* ikun fis-suq.

It-30 ta' Ottubru, 2009

c) Payment of dividend (interest) for both Stocks will be made by direct credit to any branch of any local bank as advised on the application form.

7. FUNGIBILITY

The Accountant General reserves the right to issue, in future, additional amounts of the present Stock in further tranches. In the event of such further issues these will be integrated with the respective existing Stock.

8. REDEMPTION OF STOCK

(i) The 3.6% MGS 2013 (IV) shall be redeemed at par on the 18th October 2013;

(ii) 4.6% Malta Government Stock 2020 (II) shall be redeemed at par on the 25th April 2020.

9. SECURITY

The Stock and dividend thereon will be a charge on the General Revenue and Assets of the Government of Malta.

10. TRADING ON THE MALTA STOCK EXCHANGE

a) Pursuant to the Financial Markets Act, Cap. 345, an application has been submitted to the Listing Authority for the bonds to be admissible to listing and to the Malta Stock Exchange for the bonds to be admitted to its Official List.

b) On the 18th April, 2010, after the payment of the first dividend, the Stock at 6(b) (i) will be integrated with the existing issue 3.6% Malta Government Stock 2013(IV) and shall thereafter both be deemed to be one Stock.

11. RELEVANT LEGISLATION

The Budget Measures Implementation Act, 2009 (Act II of 2009), the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap.161, and Directive by the Minister of Finance, the Economy and Investment under article 4 (1) (a) of the said Ordinance, the Local Loans (Registered Stock) Regulations, 1959.

Note: The value of the investment may go up and/or down during the tenor of the stock.

30th October, 2009

Nru. 868

PROSPETT

ĦRUĠ TA' VALUR NOMINALI FLIMKIEN TA' EURO 80,000,000 *STOCK* TAL-GVERN TA' MALTA

Suġġett għal dritt li jiżdied b'ammont ta' Euro 20,000, 000 fil każ li d-domanda tkun aktar mill-ammont ta' *Stock* offrut

Awtorizzat skont l-Att tal-2009 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi 2009 (Att Nru. II tal-2009) u l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap.161

1. ĦRUĠ TA' *STOCK*

Dan il-prospett qiegħed jiġi ppublikat b'konnessjoni mal-ħruġ ta' *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2015 (V) b'Rata ta' Mgħax li Tvarja u marbuta mal-Euribor tas-sitt (6) xhur.

(a) L-*Accountant General* qiegħed joffri valur nominali flimkien ta' Euro 80,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta li qiegħed jiġi offrut f'xi wieħed jew aktar mit-tlett *Stock*s imsemmija hawn taħt:

(i) 3.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) *Fungibility Issue*, u

(ii) 4.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (II), u

(iii) *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2015 (V) b'Rata ta' Mgħax li Tvarja u marbuta mal-Euribor tas-sitt (6) xhur.

(b) Il-prospett li jirregola 3.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) *Fungibility Issue* u 4.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (II) qiegħed jiġi ppublikat fl-istess ħin ma' dan il-prospett.

2. OFFERTI

a) Applikazzjonijiet magħmulin f'offerti b'irkant jiftħu t-Tnejn 9 ta' Novembru 2009 fit-08.30am u jagħlqu l-Ġimgħa 13 ta' Novembru 2009 f'nofsinhar, jew aktar kmieni fid-diskrizzjoni tal-*Accountant General*.

b) Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mingħand il-membri kollha tal-Borża ta' Malta u Provdituri ta' Servizzi ta' Investiment oħra awtorizzati, jew jistgħu jitniżżlu wkoll minn fuq il-*website* tat-Teżor (www. treasury.gov.mt).

No. 868

PROSPECTUS

ISSUE OF AN AGGREGATE OF EURO 80,000,000 MALTA GOVERNMENT STOCKS

Subject to an Over-Allotment Option of Euro 20,000,000 in the event of over-subscription

Authorised under the Budget Measures Implementation Act, 2009 (Act No. II of 2009) and the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap. 161

1. ISSUANCE OF STOCK

This prospectus is being published in connection with the issue of Floating Rate Malta Government Stock 2015 (V) linked to the six (6) month Euribor.

(a) The Accountant General is offering an aggregate Euro 80,000,000 of Malta Government Stocks which are being offered and made available in any one or any combination of the following issues:

(i) 3.6% Malta Government Stock 2013(IV) Fungibility Issue, and

(ii) 4.6% Malta Government Stock 2020 (II), and

(iii) Floating Rate Malta Government Stock 2015 (V) linked to the six (6) month Euribor.

(b) The prospectus regulating 3.6% MGS 2013 IV FI and 4.6% MGS 2020 (II) is published concurrently with this prospectus.

2 BIDS

a) Applications in the form of sealed bids (auction) open at 08:30 hours on Monday, 9th November, 2009 and close at 12:00 (noon) on Friday, 13th November 2009 or earlier at the discretion of the Accountant General.

b) Application forms may be obtained from all Members of the Malta Stock Exchange, other authorised Investment Service Providers or downloaded from Treasury's website at www.treasury.gov.mt.

ċ) Offerti li jsiru fuq il-formoli preskritti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tat-Teżor, Floriana jew jintbagħtu fuq *fax* 25967210 jew permezz ta' *e-mail* fl-indirizzi indikati fuq il-formola tal-applikazzjoni.

d) Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, iridu jkunu magħmulin f'offerti għal minimu ta' €250,000 u multipli ta' €50,000 kull waħda.

e) Applikazzjonijiet li jsiru f'isem 'Nominee a/c' u/jew 'Clients a/c' jiġu biss aċċettati jekk dawn ikollhom magħhom lista bl-identita' tal-klijenti rispettivi tagħhom.

f) Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin tal-għeluq.

3. POLICY DWAR L-ALLOKAZZJONI TA' *STOCK*

L-allokazzjoni tal-i*Stock* issir kif ġej:

a) L-ammont attwali li se jiġi allokat fl-i*Stock* tal-Gvern ta' Malta 2015 (V) b'Rata ta' Mgħax li Tvarja u marbuta mal-Euribor tas-sitt (6) xhur, mis-somma ta' Euro 80,000,000, se jiġi ddeterminat wara li l-applikazzjonijiet li jkunu saru bil-prezz stabbilit għal €100 nominali fit-3.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) *Fungibility Issue* u fl-4.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (II) ikunu ġew eżawriti.

b) L-offerti jkunu allokati skont il-prezz li jibdew mill-għola sal-anqas l-prezz. L-offerti li jkunu aċċettati ikunu allokati skont il-prezz tal-offerta. Dawk l-offerti li prezz tagħhom ikun il-fuq mill-prezz *cut-off* jiġu aċċettati b'mod sħiħ. Dawk l-offerti li jkunu daqs il-prezz *cut-off* jistgħu ikunu allokati b'mod sħiħ jew parzjalment fuq bażi pro rata. L-ammont tal-i*Stock* li jiġi allokat lill-applikanti jiġu magħarrfa sagħtejn wara immedjatament il-ħin tal-għeluq tal-offerti b'irkant.

ċ) Ammonti li jiġu allokati lill-Fondi tal-Gvern ikunu skont l-aħħar rata aċċettata.

4. DRITT LI JIŻDIED L-I*STOCK*

L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jalloka massimu ta' Euro 20,000,000 aktar f'każ li l-valur nominal tal-applikazzjonijiet għat tlett *Stock*s flimkien jaqbeż is-somma li għandha tingħabar ta' Euro 80,000,000.

5. *UNDERISSUANCE*

L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jaċċetta l-applikazzjonijiet għall-ammont sħiħ jew parti minnhom u li jirrifjuta kull offerta jew parti minnha għal kull raġuni li jidhirlu xierqa minkejja li l-ammont li jittieħed ikun anqas mill-ammont tal-ħruġ tal-i*Stock*s.

c) Bids on the prescribed application forms are to be deposited at the Treasury Tender Box or transmitted by fax on 25967210 or by e-mail at the e-mail addresses indicated on the application forms.

d) Applications by any single applicant shall be in the form of sealed bids for a minimum of €250,000 and multiples of €50,000 each.

e) Applications in the name of 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' will only be accepted if accompanied by lists of their respective clients.

f) All applications will be irrevocable after closing time.

3. ALLOTMENT POLICY OF STOCK

Allocation of Stock will be made in the following order:

a) The actual amount out of Euro 80,000,000 allotted to the Floating Rate Malta Government Stock 2015 (V) linked to the six (6) month Euribor, will be determined after the value of applications received at the Offer Price per €100 nominal for 3.6% MGS 2013 IV FI and 4.6% MGS 2020 II are exhausted.

b) Bids will be allotted in descending order of price. Accepted bids will be allotted at the bid price. Bids above the lowest accepted price (the cut-off price) will be allotted in full. Bids equal to the lowest accepted price will be allotted in full or in part on a pro rata basis. The allotment result of the Stock to applicants will be determined and announced within two hours immediately after the closing time of applications by auction.

c) Any amount allotted to the Government Funds will be at the cut-off rate.

4. OVER-ALLOTMENT OPTION

The Accountant General reserves the right to exercise an over allotment option for an additional amount of Euro 20,000,000 in the event that the value of the applications of the Stocks is in excess of the combined aggregate amount of Euro 80,000,000.

5. UNDERISSUANCE

The Accountant General reserves the right to accept bids for the full amount or any part thereof and to reject any bid or part thereof on any grounds whatsoever, notwithstanding that the aggregate amount on issue has not been taken up.

6. RATA TA' MGĦAX U DATI META TIĠI DETERMINATA

a) **Ir-rata ta' mgħax tal-bidu** hija ekwivalenti għar-rata tal-Euribor tas-sitt (6) xhur, fis-seħħ żewġ ġranet ta' negozju (2) qabel id-data tal-ħlas dovut (*settlement date*) kif tidher fuq il-website fil-paġna tar-Reuters Euribor01 tas-sitt (6) xhur EURIBOR fil/jew madwar il-11H00 CET - *www.reuters.com,* flimkien ma' *spread* ta' 80 *basis points* (*bps*).

b) L-i*spread* ta' 80*bps* tibqa' fissa tul il-perjodu kollu sakemm idum l-i*Stock*.

ċ) **Ir-rata ta' mgħax tal-bidu** tiġi mħabbra lill-Borża ta' Malta u ppublikata permezz ta' stqarrija għall-istampa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni żewġ ġranet ta' negozju (2) qabel id-data tal-ħlas dovut.

Il-kawża (Talba Numru 485/09ISB) hija differita għat-13 ta' Novembru 2009 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 26 ta' Ottubru 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 30th September 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 22nd June 2009 whereby they asked the Tribunal to condemn Maria Graziella Cassar (ID 0172983M) of Brooklyn Court, Flat T 5, Triq J. Quintinus, Qawra, to pay the plaintiff company the sum of €778.84 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 485/09ISB) is put off on the 13th November 2009 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 26th October 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

B'digriet mogħti fl-10 ta' Settembru 2009, fl-Atti tar-Rikors Numru 237/09, fl-ismijiet Angelo Zahra vs John Parnis England et, il-Qorti tal-Appell, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Angelo Zahra, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell Ċitazzjoni 1812/1998 JA, fl-ismijiet Angelo Zahra vs John Parnis England, Joseph Psaila u Sun Chemicals Limited, fid-29 ta' Lulju 2009, ir-rikorrenti Stephen Parnis England (197863M) Robin Parnis England (299972M) Nicholas Parnis England (84969M) u Johanna Parnis England (397065M) bħala eredi ta' John Parnis England; Joseph Psaila (41449(M) u Sun Chemicals Limited (C-523) esponew bir-rispett:

Illi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, datata 30 ta' April 2009, l-esponenti ġew ikkundannati jħallsu lill-attur is-somma komplessiva ta' €93,174.93, bl-imgħax legali mill-4 ta' April 2000, sal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kollha tal-kawża, inklużi dawk in Prim Istanza, jitħallsu mill-konvenuti in solidum.

Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors l-esponenti ippreżentaw quddiem din l-Onorabbli Qorti rikors ieħor illi fih in bażi għar-raġunijiet kontemplati fl-Artikoli 811(b) 811(ċ) u 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, talbu t-tħassir tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u r-ritratazzzjoni tal-Appell fl-ismijiet premessi.

...omissis...

Illi r-rikors preżenti qed jiġi intavolat ai termini tal-Artikoli 823(2) u (4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ...omissis...

Illi l-esponenti qegħdin jagħmlu din it-talba għar-raġuni illi l-eżekuzzjoni tas-sentenza hija ta' preġudizzju ferm akbar għalihom milli jista' jkun it-twaqqif tal-eżekuzzjoni tal-istess għall-attur Angelo Zahra.

Illi ai termini tas-sentenza attakkata, l-esponenti ġew ikkundannati li jirrifondu lill-attur is-somma (€93,174.94) kif ukoll imgħax legali, mill-4 ta' April 2000, li sal-lum jammonta għal ċirka €69,260 u dan oltre spejjeż ġudizzjarji.

Illi kemm il-darba l-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-30 ta' April 2009, ma tiġix imwaqffa l-esponenti jkollhom iħallsu lill-attur l-ammonti msemmija. F'dik l-eventwalità però, jekk il-Qorti tilqa' t-talba għat-tħassir tas-sentenza u r-ritrattazzjoni tal-Appell u l-eżitu jkun favur l-esponenti, dawn

By means of a decree given on the 10th September 2009, in the Records of the Application number 237/09, in the names Angelo Zahra vs John Parnis England et, the Court of Appeal, ordered the following publication, for the purpose of service of the respondent Angelo Zahra, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal, Writ of Summons 1812/1998 JA, in the names Angelo Zahra vs John Parnis England, Joseph Psaila, and Sun Chemicals Limited, on the 29th July 2009, the applicants Stephen Parnis England (197863M) Robin Parnis England (299972M), Nicholas Parnis England (84969M) and Johanna Parnis England (397065M) as heirs of John Parnis England; Joseph Psaila (41449(M) and Sun Chemicals Limited (C-523) pleaded with respect:

That in virtue of a judgement of the Court of Appeal, dated 30th April 2009, the interpellants were condemned to pay the plaintiff the global sum of €93,174.93, with legal interest from the 4th April 2000, till the effective payment and all the expenses of the law suit, including those at First Instance, to be paid be the defendants in solidum.

That together with this application, the interpellants, filed, before this Honourable Court, another application in which on the basis of the reasons contemplated in Articles 811(b) 811(c) and 811(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta, they demanded the cancellation of the judgement of this Honourable Court and the new trial of the Appeal in the names premised.

...omissis...

That the present application is being filed in terms of Article 823(2) and (4) of Cap. 12 of the Laws of Malta ...omissis...

That the interpellants are making this demand for the reasons that the execution of the judgement is of much greater prejudice to them, then the stopping of the execution of the same for the plaintiff Angelo Zahra.

That in terms of the judgement attacked, the interpellants were condemned to refund to the plaintiff the sum (€93,174.94) as well as the legal interest, from the 4th April 2000, which till today amount to circa €69,260 and this besides judicial expenses.

That if the execution of the judgement of the 30th April 2009, is not stopped the interpellants, shall have to pay the plaintiff the amounts mentioned. In that eventuality, however, if the Court upholds the cancellation of the judgement and the new trial of the Appeal, and the outcome is in favour of

isibu ruħhom f'pożizzjoni fejn ikollhom jinterpellaw lill-attur għar-rifużjoni tal-ammonti kollha minnhom imħallsa. F'każ li l-attur jibqa' inadempjenti, ovvjament ikollhom jistitwixxu proċeduri ġudizzjarji kontra l-attur għar-rifużjoni tas-somom imħallsa.

Illi kjarament dan imur għal kollox kontra l-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju.

Illi minn-naħa tiegħu l-attur ma hu se jsofri ebda preġudizzju bit-twaqqif tal-eżekuzzjoni tas-sentenza stante illi l-garanzija mogħtija mill-esponenti, f'dawn il-proċeduri tikkawtela adegwatament l-interessi tiegħu.

Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija, l-esponenti umilment jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, jogħġobha tordna t-twaqqif tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-30 ta' April 2009, fl-ismijiet premessi, pendenti l-eżitu tal-proċeduri għar-ritratazzjoni tal-Appell, mibdija bir-rikors, ippreżentat kontestwalment.

Ritrattandi: c/o The Refinery, Imgieret Road, Marsa.

Attur Ritrattat: Angcar House, Dun Karm Psaila Street, l-Iklin.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 23 ta' Ottubru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the interpellants, these shall find themselves in a position whereby they shall have to sue the plaintiff for the refund of all the amounts paid by them. In case of default on the part of the applicant, obviously judicial procedures will be taken against him for the refund of the amounts already paid.

Clearly this completely goes against the principle of procedural expeditiousness.

That on his part the plaintiff shall suffer no prejudice by the stopping of the execution of the judgement since the guarantee given by the interpellants in these procedures adequately safeguards his interests.

Thus for the reasons mentioned, the interpellants, humbly ask this Honourable Court, that this Honourable Court of Appeal, orders the stopping of the execution of the judgement of the 30th April 2009, in the names premised, pending the outcome of the procedures for a new trial of the Appeal, started by the application filed at the same time.

Interpellants: c/o The Refinery Mgieret Road, Marsa.

Respondent Plaintiff: Angcar House, Dun Karm Psaila Street, Iklin.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 23rd October 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1665

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fuq rikors ta' Joseph Grech et (Subbasta Nru. 18/2009 fl-ismijiet Joseph Grech et vs Hunky Dory Ltd) ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 25 ta' Jannar 2010 fil-11.00 a.m. u sakemm tiġi aġġudikata l-ogħla offerta pubblika għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-23 ta' Ottubru 2009 li għandu jsir fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Victoria, Għawdex tal-oġġetti hawn taħt imsemmija u elenkati aħjar fil-Mandat ta' Qbid Nru 60/2009:

1. Numru ta' appliances bħal coffee machines, fornijiet, microwaves u freezers
2. Diversi posati
3. Ammont kbir ta' platti u tazzi diversi
4. Tapiti tal-gomma (1.5m)

Reġistrutal-Qratital-Maġistrati(Għawdex),Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, illum 26 ta' Ottubru 2009.

JACLYN MAGRIN
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex)

By decree given by the Magistrates Court (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, on the application of Joseph Grech et (Judicial Sale No. 18/2009 in re Joseph Grech et vs Hunky Dory Ltd) Monday, 25th January 2010 at 11.00 a.m., and until the highest bid has been adjudicated, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 23rd October 2009 to be held at the Gozo Court's edifice in Cathedral Square, Victoria, Gozo, of the following articles described better in the Warrant of Seizure No. 60/2009:

1. A number of applicances including coffee machines, ovens, microwaves and freezers
2. Cutlery
3. A large quantity of different plates and glasses
4. A rubber carpet measuring (1.5m)

Registry of the Courts of Magistrate (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, this 26th October 2009

JACLYN MAGRIN
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1666

Ikun jaf kulħadd illi b' digriet tas-26 ta' Ġunju 2009, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet tal-Artikolu 931 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, (Kap 12).

Bandu għall-Kuraturi.

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-26 ta' Ġunju 2009, fuq talba ta' Raymond Debono, noe ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrapreżentaw lill-assenti Lisa Debono, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 165/09 AF, 'Raymond Debono vs Kuraturi Deputati' u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Raymond Debono (KI 251866M) vs Kuraturi Deputati biex jirrapreżentaw lill-assenti Lisa Debono, fit-22 ta' Mejju 2009, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), ir-rikorrenti Raymond Debono (KI 251866M) talab lil Qorti:

1.Tiddikjara u tiddeċiedi illi jeżisti bdil ta' ċirkostanzi bejn il-partijiet li jiġġustifika l-varjazzjoni ta' kull ordni eżistenti ta' manteniment u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors fosthom li tistabbilix manteniment għat-tliet ulied minuri Luke, Joseph u Lucia, aħwa Debono.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Rikorrent: 110, Elena, Triq Napuljun, Żurrieq, Malta.

Intimata: 26, Church Meadow, Meadowfield, Co. Durham, DH7 8RH, Renju Unit.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-Bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

It is hereby notified that by means of a decree of the 26th June 2009, the Civil Court (Family Section) ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purposes of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta.

To the Marshall of the Courts.

Whereas by decree given by this Court on the 26th June 2009, following a request of Raymond Debono noe, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Lisa Debono, in the records of the Sworn Application 165/09 AF, 'Raymond Debono vs Deputy Curators' and in the relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, in the names Raymond Debono (ID 251866M) vs Deputy Curators to represent the absent Lisa Debono, on the 22nd May 2009, in the Civil Court (Family Section) the applicant Raymond Debono (ID 251866M) asked the Court:

1. To declare and decide that there exist circumstances between the parties which justify the variation of every existing order of maintenance and uphold the other demands in the application amongst which to establish maintenance for the three minor children, Luke, Joseph and Lucia, brothers and sister Debono.

List of witnesses.

List of Documents.

Applicant: 110, Elena, Napoleon Street, Żurrieq, Malta.

Respondent; 26, Church Meadow, Meadowfield, Co. Durham, DH7 8Rh, United Kingdom.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficuly in the execution of the said bann you are to inform forwith this Court.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Abigail Lofaro, Dip. Stud. Rel. Mag. Eur. (Eur Law) Duttur tal-Liġi.

Illum 26 ta' Mejju 2009.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum 26 ta' Ottubru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Given by the aforementioned Civil Court First Hall with the witness of the Hon. Madam Justice Abigail Lofaro, Dip. Stud. Rel. Mag. Eur (Eur Law) Doctor of Laws.

Today 26th May 2009.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 26th October 2009.

DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1667

Ikun jaf kulħadd illi b'diġriet tat-8 ta' Ottubru, 2009 mogħti mill-Qorti tal-Prim Awla Ċivili (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat mis-soċjetà bankarja Bank of Valletta plc fit-3 ta' Ġunju, 2009, qed jintalab l-iżbank ta' €1,430.27 b'ċedola numru 610/09 fl-ismijiet: Bank of Valletta plc vs Raymond Coleiro et

Il-Qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors bi tlett ijiem żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Prim Awla Ċivili (Malta), illum it-23 ta' Ottubru, 2009.

SAVIOUR AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 8th October, 2009 given by the First Hall of the Civil Courts (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Bank of Valletta on the 3rd June, 2009, is asking for the withdrawal of €1,430.27 deposited by Schedule of Deposit number 610/09 in the names of: Bank of Valletta plc vs Raymond Coleiro et

The Court ordered the notification of this application with three day notice for filing a reply.

Registry of the First Hall of the Civil Courts (Malta), today the 23rd October, 2009.

SAVIOUR AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1668

Ikun jaf kulħadd illi b'diġriet tad-19 ta' Ottubru, 2009 mogħti mill-Qorti tal-Prim Awla Ċivili (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Carmel Cassia fis-27 ta' Awwissu, 2009, qed jintalab l-iżbank ta' €2,380.38 b'Ċedola numru 809/07 fl-ismijiet: Technobroadcast SRL Vs Mediterranean Broadcasting Equipment Ltd.

Il-Qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors b'erbat ijiem żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Malta), illum is-27 ta' Ottubru, 2009

SAVIOUR AQUILINA
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 19th October, 2009 given by the First Hall of the Civil Courts (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Carmel Cassia on the 27th August, 2009, is asking for the withdrawal of €2,380.38 deposited by Schedule of Deposit number 809/07 in the names of: Technobroadcast SRL Vs Mediterranean Broadcasting Equipment Ltd.

The Court ordered the notification of this application with four days notice for filing a reply.

Registry of the First Hall of the Civil Courts (Malta), today the 27th October, 2009.

SAVIOUR AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1669

B'digriet mogħti fis-26 ta' Awwissu 2009, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Protect Services Limited vs Johnson Saviour et, Rikors Numru 135/09 JRM, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Mary Johnson u Amanda Johnson, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Protect Services Limited (C 29712) vs 1. Saviour Johnson (KI 340257M) 2. Mary Johnson (KI 119058M) 3. Amanda Johnson (KI 390 486M) 4. Claire Borg Johnson (KI 123880M) 5. Gordon Johnson (KI 335883M) fit-13 ta' Frar 2009, ir-rikorrenti Protect Services Limited (C 29712)talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi t-trasferimenti ta' vetturi li saru mill-konvenuti Saviour u Mary konjugi Johnson, lill-konvenuti l-oħra Amanda Johnson, Claire Borg Johnson, u Gordon Johnson, jew min minnhom wara l-pubblikazzjoni tal-preċitat kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Nicholas Vella, datat 11 ta' Lulju 2006, saru b'qerq u bi ħsara tal-jeddijiet tas-soċjetà attriċi bħala kreditriċi tal-konvenuti Saviour u Mary konjugi Johnson u tilqa' t-talbiet l-oħra msemmija fir-rikors.

Bl-ispejjeż ġudizzjarji, fil-konfront tal-konvenuti li qed jiġu inġunti għas-subizzjoni tagħhom minn issa stess.

Soċjeta attriċi: 81, St Catherine Street, Qormi.

Konvenuti: 1)...omissis...
2) Mary Johnson, 38, Triq it-Torri, Msida.
3) Amanda Johnson, 38, Triq it-Torri, Msida.
4) ...omissis...
5) ...omissis...

Lista ta' Xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Protect Services Limited vs Johnson Saviour et, Rikors Numru 135/09 JRM, jinsab differit għal-5 ta' Novembru 2009, fil-11.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Ottubru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 26th August 2009, in the Records of the Sworn Application in the names Protect Services Limited vs Johnson Saviour et, Application Number 135/09 JRM, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Mary Johnson and Amanda Johnson, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Protect Services Limited (C 29712) vs 1. Saviour Johnson (ID 340257M) 2. Mary Johnson (ID 119058M) 3. Amanda Johnson (ID 390486M) 4. Claire Borg Johnson (ID 123880M) 5. Gordon Johnson (ID 335883M) on the 13th February 2009, the applicant Protect Services Limited (C 29712) asked this Honourable Court:

1. To delare that the transfer of the vehicles which were made by the defendants Saviour and Mary spouses Johnson to the other defendants Amanda Johnson, Claire Borg Johnson, and Gordon Johnson, or either of whom following the publication of the above mentioned contract in the records of Notary Dr Nicholas Vella, dated 11th July 2006, was made by deceit and to the prejudice of the rights of the plaintiff company as a creditor of the defendants Saviour and Mary spouses Johnson and uphold the other demands mentioned in the application.

With judicial costs against the defendants who are from now being summoned so that a reference to their evidence be made.

Plaintiff company: 81, St Catherine Street, Qormi.

Defendants: 1)...omissis...
2) Mary Johnson, 38, Tower Street, Msida.
3) Amanda Johnson 38, Tower Street, Msida.
4) ...omissis...
5) ...omissis...

List of Witnesses.

List of Documents.

The Sworn Application in the names Protect Services Limited vs John Saviour et, Application Number 135/09 JRM, has been put off to the 5th November 2009, at 11.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 23rd October 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1670

B'digriet mogħti fis-17 ta' Ġunju 2009, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Micallef Renald vs Caruana Paul, Rikors Numru 278/09 RCP, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Caruana Paul, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 2435/1998 GC, Deċiża 30/05/03, fl-ismijiet Renald Micallef vs Paul Caruana (KI Numru 753360M) ir-rikorrenti in vista ta' dak premess fir-rikors talab lil din l-Onorabbli tawtorizzah jeżegwixxi s-sentenza fl-ismijiet premessi fir-rikors permezz tal-mandati eżekuttivi kollha opportuni u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kodiċi u Proċedura Ċivili.

Salv kull provvediment ieħor illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rikorrenti: Casa Belle, Triq il-Katlan, Attard.

Intimat: Office 7, Diamond Square, Busietta Gardens, Madliena.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Micallef Renald vs Caruana Paul, Rikors Numru 278/09 RCP, jinsab differit għas-smigħ, għall-5 ta' Novembru 2009, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Ottubru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 17th June 2009, in the Records of the Sworn Application in the names Micallef Renald vs Caruana Paul, Application Number 278/09 RCP, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Caruana Paul, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the records of the Writ of Summons 2435/1998 GC Decided 30/05/03, in the names Renald Micallef vs Paul Caruana (ID Number 753360M) the applicant in view of that premised in the application asked this Honourable Court to authorise him to execute the judgement in the names premised in the application by means of all the opportune executive warrants and this in terms of Article 258 of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Saving any other order that this Honourable Court deems fit and opportune.

Applicant: Casa Belle, Katlan Street, Attard.

Respondent: Office 7, Diamond Square, Busietta Gardens, Madliena.

The Sworn Application in the names Micallef Renald vs Caruana Paul, Application Number 278/09 RCP, has been put off for hearing to the 5th November 2009.

Registry of the Superior Courts, today 23rd October 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1671

B'digriet mogħti fid-9 ta' Ottubru 2009, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Agius Concetta vs Agius John, rikors numru 706/09 JZM, il-Qorti Ċivili Prim'Awla, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Concetta Agius KI 825836(M) vs John Agius (KI 920047M) fl-20 ta' Lulju 2009, ir-rikorrenti Concetta Agius KI 825836(M) talbet lil din Onorabbli Qorti tiddikjara illi:

1. Il-kunsens tagħha meta tat prokura lil Mark Briffa fil-11 ta' Diċembru 2006 kien ivvizzjat u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors fosthom li tiddikjara null u bla effett il-kuntratt tat-12 ta' Diċembru 2006, fl-atti tan-Nutar Dott. Pierre Falzon, li jirrigwarda t-trasferiment tal-fond 18, Sqaq l-Ajkla, il-Marsa.

By means of a decree given on the 9th October 2009, in the records of the Sworn Application in the names Agius Concetta vs Agius John, application number 706/09 JZM, the First Hall Civil Court ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Concetta Agius ID 825836(M) vs John Agius (ID 920047M) on the 20th July 2009, the applicant Concetta Agius ID 825836(M) asked this Court to declare that:

1. When she gave a power of attorney to Mark Briffa on the 11th December 2006, her consent was vitiated, and to uphold the other demands in the application amongst which to declare null and without effect the contract of the 12th December 2006, in the records of Notary Dr Pierre Falzon, which refers to the transfer of the premises 18, Eagle Alley, Marsa.

Bl-ispejjeż.

Lista ta' Xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Rik: 18, Sqaq l-Ajkla, il-Marsa.

Int: Kathy, Flat 2, Triq il-Kuċċard, Ħal Safi.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Agius Concetta vs Agius John, Rikors numru 706/09 JZM, jinsab differit għall-5 ta' Novembru 2009, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Ottubru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs.

List of Witnesses.

List of Documents.

Applicant: 18, Eagle Alley, Marsa.

Respondent: Kathy, Flat 2, Kuċċard Street, Safi.

The Sworn Application in the names Agius Concetta vs Agius John, Application number 706/09 JZM, has been put off to the 5th November 2009, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 27th October 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1672

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-5 ta' Ottubru, 2009 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dott. Audrey Demicoli) (Kumpilazzjoni Numru 343/1994) fil-kawża fl-ismijiet:-

Il-Pulizija
(Spettur John Rizzo)
(Spettur Emanuel Cassar)

kontra

Alfred Vassallo,
Marius sive Mario Magri,
Raymond Farrugia,
Marco Vella u
Pierre Cauchi.

IRREVOKAT l-ordni tagħha tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa mogħtija b'sentenza tal-istess Qorti tal-24 ta' Lulju, 2009 fil-konfront ta' RAYMOND FARRUGIA, 53 sena, bin Philip u Agatha neé Ciantar, imwieled l-Imtarfa fit-28 ta' Marzu, 1956 u joqgħod f'Belfior Court, Flat 3, Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Baħar u detentur tal-Karta tal-Identità Nru. 246356(M) u dan ai termini tal-Artikolu 10(6) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-pubblikazzjoni qed issir skont l-Artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-ordni orginali kienet giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Awwissu, 2009.

Illum, 26 ta' Ottubru, 2009
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

JOSEPH SACCO
Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 5th October, 2009 by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Audrey Demicoli) (Case No. 343/1994) in the case in the names:-

The Police
(Inspector John Rizzo)
(Inspector Emanuel Cassar)

Vs

Alfred Vassallo,
Marius sive Mario Magri,
Raymond Farrugia,
Marco Vella u
Pierre Cauchi.

REVOKED the perpetual general interdiction order given by the same Court against RAYMOND FARRUGIA, 53 years, son of Philip u Agatha neé Ciantar, born in Mtarfa on the 28th March, 1956 and residing at Belfior Court, Flat 3, Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Baħar and holder of Identity Card No. 246356(M) and this according to Section 10(6) of Cap. 9 of the Laws of Malta.

This is being published according to Section 10(7) of Cap. 9 of the Laws of Malta. The original order was published in the Government Gazette on the 12th August, 2009.

Today, 26th October, 2009
Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

JOSEPH SACCO
Registrar, Criminal Courts and Tribunals (Malta)

1673

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tas-6 ta' Ottubru 2009, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-artikolu 338(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment ppreżentati minn Sado Co Ltd, fl-1 ta' Ottubru 2009, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €2,600 prezz minnhom offert fil-Bejgħ bl-Irkant 13/2009 fl-ismijiet Sado Co Ltd vs PEG Ltd, miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fit-30 ta' Settembru 2009.

Skont l-Artikolu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għal oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-oppożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum is-26 ta' Ottubru 2009.

MICHAEL PORTELLI, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 6th October 2009, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 338(1) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Sado Co Ltd on the 1st of October 2009, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €2,600 following judicial Sale by Auction 13/2009 in the names Sado Co Ltd vs PEG Ltd, held under the Authority of the said Court on the 30th September 2009.

According to Article 338 (2) of Chapter 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, today the 26th October 2009.

MICHAEL PORTELLI, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1674

B'digriet mogħti fl-24 ta' Frar 2009, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Attard Maria vs Attard Ivan, Rikors numru 304/08 NC, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Maria Attard (KI 0148571M) vs Ivan Attard, ir-rikorrenti Maria Attard (KI Nru. 0148571M) talbet l-intimat jgħid għaliex m' għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet tal-4 ta' Ġunju tas-sena' elf disa' mija u erbgħa u disgħin (1994) imsemmi fir-rikors kien null u invalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u dan ai termini tal-Artikoli 19(a), 19(ċ) u 19 (d) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

By means of a decree given on the 24th February 2009, in the records of the Sworn Application in the names Attard Maria vs Attard Ivan, Application number 304/08 NC, the Civil Court (Family Section) ordered the following publication for the purpose of service of the defendant, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Maria Attard (ID 0148571M) vs Ivan Attard, the applicant Maria Attard (ID No. 0148571M) asked the respondent to state why this Honourable Court should not:

1. Decide and declare that the marriage between the parties of the 4th June of the year one thousand nine hundred ninety four (1994) mentioned in the application was null and invalid for all intents and purposes of law and in this in terms of Articles 19(a), (19c) and 19(d) of Cap. 255 of the Laws of Malta.

With costs against the respondent from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Rikorrenti: 24, Flat 1, Triq il-Batterija, Birżebbuġa.

Intimat: 93, Ezward Str, Marsa.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Attard Maria vs Attard Ivan, rikors numru 304/2008 NC, jinsab differit għas-smigħ għall-10 ta' Novembru 2009, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 27 ta' Ottubru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: 24, Flat 1, Battery Street, Birżebbugia.

Respondent: 93, Ezward Str, Marsa.

The Sworn Application in the names Attard Maria vs Attard Ivan, application number 304/2008 NC, was put off for hearing to the 10th November 2009, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 27th October 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1675

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fid-19 ta' Ottubru, 2009 fuq rikors ta' TSM DENIZ URUNLERI ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 4 ta' Novembru, 2009 fl-10.00 a.m. li għandu jsir f'SEZZJONI SUBBASTA, QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand SAVIOUR ELLUL.

Ishma preferenzjali fil-kumpanija S. Ellul Ltd (C 17556) stmati li jiswew €232,937.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 19 ta' Ottubru, 2009.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS), MA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 19th October, 2009 on the application of TSM DENIZ URUNLERI, Wednesday, 4th November, 2009 at 10.00 a.m. has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at SUBBASTA SECTION, COURTS OF JUSTICE, REPUBLIC STREET, VALLETTA of the following items seized from the property of SAVIOUR ELLUL.

Preference shares in the company S. Ellul. Ltd (C 17556) estimated to cost €232,937.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 19th October, 2009.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS), MA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1676

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-30 ta' Settembru 2009, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, il-Marsa, ippreżentaw Talba fit-22 ta' Ġunju 2009, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jonathan Pirotta (KI 113075M) ta' 90, Is-Sikka, Triq Barbaġann, San Ġwann, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €356.43 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 515/09ISB) hija differita għat-13 ta' Novembru 2009 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 27 ta' Ottubru 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 30th September 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 22nd June 2009 whereby they asked the Tribunal to condemn Jonathan Pirotta (ID 113075M) of 90, Is-Sikka, Triq Barbaġann, San Ġwann, to pay the plaintiff company the sum of €356.43 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 515/09ISB) is put off on the 13th November 2009 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 27th October 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1677

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi Evan Camilleri (K.I. 431876M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 309/09 NC) fejn talab il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID numru 1871/09, fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 27 ta' Ottubru 2009

BRUNO ZAHRA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas Evan Camilleri (I.D. 431876M) filed an application under oath (No. 309/09 NC) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH number 1871/09, in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today 27th October 2009

BRUNO ZAHRA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1678

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi Charlton John Apap (K.I. 315089M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 308/09 NC) fejn talab il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID numru 1947/08, fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 27 ta' Ottubru 2009

BRUNO ZAHRA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas Charlton John Apap (I.D. 315089M) filed an application under oath (No. 308/09 NC) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH number 1947/08, in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today 27th October 2009

BRUNO ZAHRA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1679

B'digriet mogħti fit-23 ta' Ottubru 2009, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Malta Industrial Parks Limited (C 28965) vs Helu Measuring Instruments Limited (C 14175) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, a tenur tal-Artikolu 187(3) et tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Malta Industrial Parks Limited (C 28965) vs Helu Measuring Instruments Limited (C 14175) fis-6 ta' Ottubru 2009, is-soċjetà rikorrenti talbet lil Qorti:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12, tordna s-soċjetà konvenuta tiżgombra mill-fabbrika UB3 fil-Qasam Industrijali ta' San Ġwann u tordna li tħallas is-somma ta' (€220,060.07) dovut in linea ta' arretrati ta' kera sal-perjodu li għalaq nhar il-31 ta' Ottubru 2008.

Bl-ispejjeż, salv kwalunkwe azzjoni spettanti lis-soċjetà attriċi għall-ħlas ta' kwalunkwe somma ulterjuri dovuta sad-data tal-effettiv żgumbrament.

Attur: UB8, Qasam Industrijali, San Ġwann.

Konvenut: UB3, San Ġwann Industrial Estate, San Ġwann.

B'Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, il-Ġimgħa, 9 ta' Settembru 2009, ir-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Malta Industrial Parks Limited (C 28965) vs Helu Mesuring Instruments Limited (C 14175), rikors numru 961/09 JA, ġie mqiegħed fil-Lista tal-Kawżi, li għandhom jinstemgħu l-Ħamis, 5 ta' Novembru 2009, fl-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Ottubru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 23rd October 2009, in the records of the Sworn Application in the names Malta Industrial Parks Limited (C 28965) vs Helu Measuring Instruments Limited (C 14175) the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company, in terms of Article 187(3) et of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names Malta Industrial Parks Limited (C 28965) vs Helu Measuring Instruments Limited (C 14175) on the 6th October 2009, the applicant company asked this Court:

1. To decide this cause without proceeding to a hearing in terms of Article 167 et seq. of Cap. 12, order the defendant company to vacate the factory UB3 in the San Ġwann Industrial Estate and order it to pay the sum of (€220,060.07) due by way of arrears of rent till the period which lapsed on the 31st October 2008.

With costs, saving any action due to the plaintiff company for the payment of any further sum due till the date of effective eviction.

Plaintiff: UB8, Industrial Estate, San Ġwann.

Defendant: UB3, San Ġwann Industrial Estate, San Ġwann.

By means of a Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts, on Friday, 9th September 2009, the Sworn Application in the names Malta Industrial Parks Limited (C 28965) vs Helu Measuring Instruments Limited (C14175), application number 961/09 JA, was put on the List of Causes which are to heard on Thursday, 5th November 2009, at 9.45 a.m.

Registry of the Superior Courts today 27th October 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1680

B'digriet mogħti fil-31 ta' Lulju 2007, fl-atti tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni vs N. Zammit & Sons Ltd, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata, a tenur tal-Artikolu 187(3) et. tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 4 ta' Diċembru 2006

Lil: N. Zammit & Sons Ltd.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinterpellak biex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' (€74,113.67) fi ħlas lura ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 1990, 1991, 1992, 1993, 1997 u 1998 skont l-avviż hawn unit 'animo ritirandi' u mmarkat Dok. 'A'.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek u li kopja tagħha wkoll annessa 'animo ritirandi' u mmarkat Dok. 'B' il-mittent javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fi żmien hawn lilek prefiss huwa jipproċedi għal esekuzzjoni tat-titolu ottenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-att.

Mittent: Dipartiment tat-Taxxi Interni, Floriana.

Intimat: (1) N. Zammit & Sons Ltd,
5, Triq l-Industrija,
Qormi QRM 05.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Ottubru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 31st July 2007, in the records of the judicial letter in the names Commissioner of Inland Revenue vs N. Zammit & Sons Ltd, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company, in terms of Article 187(3) et. of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 4th December 2006

To: N. Zammit & Sons Ltd.

The Commissioner of Inland Revenue calls upon you so that within two days you pay the sum of (€74,113.67) in arrears of income tax or provisional tax for the years of assessment 1990, 1991, 1992, 1993, 1997 and 1998 according to the notice hereby attached 'animo ritirandi' and marked Doc. 'A'.

Whereas you failed to pay the amount due despite of the demand for payment made to you a copy of which is attached 'animo ritirandi' and marked Doc. 'B' the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time fixed to you he shall proceed to the execution of the title obtained in terms of Article 40 of the Act regarding the Administration of Tax.

Pay the expenses of this act.

Interpellant: Department of Inland Revenue, Floriana.

Respondent: (1) N. Zammit & Sons Ltd,
5, Industry Street,
Qormi QRM 05.

Registry of the Superior Courts, today 27th October 2009.

ADV FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1681

